## ***'Insaħħu l-Ilsien Nazzjonali Tagħna'* – Jitlaqqa' l-Forum Nazzjonali dwar l-Ilsien Malti**

*"Il-Malti, il-ħarsien u t-tisħiħ tiegħu, għandu jsir prijorità nazzjonali. Bi prijorità nazzjonali nifhem li nieħdu kull inizjattiva meħtieġa, sew jekk legali, sew jekk mill-aspett ta' deċiżjonijiet, inkluż dawk politiċi, sabiex nassiguraw li l-Malti nipproteġuh u nsaħħuh".*

Dan sostnietu Norma Saliba, il-Kap Eżekuttiv taċ-Ċentru tal-Ilsien Malti, waqt il-Forum Nazzjonali dwar l-ilsien Malti bit-tema, *'Insaħħu l-ilsien nazzjonali tagħna'.*

L-attività saret taħt il-patroċinju distint tal-Eċċellenza Tiegħu l-President George Vella u fost il-kelliema ewlenin kien hemm il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali l-Arti u l-Gvern Lokali Owen Bonnici.

Waqt il-Forum, l-istatistiku u lettur fl-Università ta' Malta Dott. Vincent Marmarà spjega r-riżultati ta' stħarriġ nazzjonali kkummissjonat miċ-Ċentru tal-Ilsien Malti dwar il-qagħda tal-lingwa Maltija.

*(Annessa mal-istqarrija l-konkluzjonijiet tal-istħarriġ nazzjonali)*

Norma Saliba spjegat kif iċ-Ċentru tal-Ilsien Malti, fl-aħħar xhur, għamel għadd ta' laqghat ma' organizzazzjonijiet u individwi biex jifhem aħjar l-isfidi u l-opportunitajiet tal-ilsien Malti u t-triq 'il quddiem.

Qalet li ċ-Ċentru qed jaħdem sabiex l-għarfien tal-Malti jkun rekwiżit għal kull ħaddiem barrani biex jaħdem fil-qasam tas-saħħa, ewlenin fosthom, il-carers. Indikat li ċ-Ċentru qed jaħdem fuq proġett li se jitħabbar dalwaqt, dwar riżorsi awdjoviżivi bil-Malti mmirati għat-tfal.

Spjegat kif iċ-Ċentru qiegħed jiżviluppa sit elettroniku *ilsienmalti.mt* u pjattaformi fuq il-*media* soċjali biex ikun jista' jikkomunika aħjar ħidmietu.

*"Aħna ħriġna, u se nkomplu noħorġu l-id tal-ħbiberija biex naħdmu ma' kull min hu ta' rieda tajba, mingħajr ebda distinzjoni. Il-lingwa Maltija, il-ħarsien u t-tisħiħ tagħha, m'hi l-fewdu ta' ħadd. Il-lingwa hi tal-poplu Malti kollu",* temmet tghid il-Kap Eżekuttiv taċ-Ċentru tal-Ilsien Malti.

Meta indirizza l-Forum, il-Ministru Owen Bonnici qal li l-Forum sar jumejn wara l-Jum Dinji tal-Lingwa Materna tan-Nazzjonijiet Magħquda biex iqajjem iktar kuxjenza dwar l-importanza li nindukraw iktar ilsienna, li huwa karatteristika ewlenija tal-identità tagħna bħala poplu Malti u Għawdxi.

Irrimarka li mill-istħarriġ ta' Dott. Marmarà joħroġ li l-maġġoranza assoluta tal-adulti għandhom għal qalbhom il-Malti, tant li jqisuh bħala l-lingwa ewlenija tagħhom. Il-Ministru Bonnici qal li *"Il-Malti jintuża wkoll għall-espressjoni artistika u kulturali tagħna, tant li fl-istħarriġ ta' Dott. Marmarà naraw konkorrenza inkoraġġanti mill-Maltin għall-attivitajiet kulturali bil-lingwa Maltija."*

Fl-istess waqt spjega li bħala poplu bilingwi, f'soċjetà multikulturali u dinja globalizzata, qed jinħass it-taħlit tal-Malti ma' lingwi oħrajn. Innota wkoll il-ħtieġa li l-barranin li jgħixu u jaħdmu f'Malta jitgħallmu l-Malti biex jikkomunikaw aħjar mal-Maltin u l-Għawdxin u fl-istess waqt jintegraw aktar fis-soċjetà.

Il-Ministru Bonnici stqarr li f'dan il-kuntest, il-Gvern qed juri s-sostenn tiegħu fit-tkattir tal-użu ta' ilsienna, fosthom bit-twaqqif taċ-Ċentru tal-Ilsien Malti daqs sitt xhur ilu, li qal qed jaħdem biex iżid l-għarfien tal-lingwa nazzjonali u uffiċjali tagħna.

*"Nemmen li b'riżultat ta' dan il-Forum se jitfassal pjan ħolistiku biex il-Malti jibqa' ħaj fost il-Maltin tal-lum, iżda fuq kollox, għall-ġenerazzjonijiet futuri, bil-għan li nsaħħu lsienna bħala karatteristika distintiva ta' ġensna u l-identità unika li ntisġet mal-milja tas-snin"* temm jgħid il-Ministru Bonnici.

*Stqarrija maħruġa llum, il-Ġimgħa 23 ta' Frar, 2024*